Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,230, 23 ta' April, 2024

Taqsima B

A.L. 101 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta'
Master of Science in Environmental Monitoring and Assessment – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Environmental Monitoring and Assessment – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Environmental Monitoring and Assessment – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 50 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2024 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni akkademika tal-Kors, maħtur mis-Senat;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Environmental Monitoring and Assessment – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Environmental Monitoring and Assessment – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Environmental Monitoring and Assessment – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Environmental Monitoring and Assessment – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Applikanti eliġibbli jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għal taqsimiet-studju individwali u jiksbu krettu għalihom. Suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, il-kretti mogħtija għal taqsimiet-studju bħal dawn jistgħu jiġu trasferuti għall-Kors, diment li mhux aktar minn seba' snin ikunu għaddew mit-tmiem b'suċċess tat-taqsima-studju. Meta l-kretti għal aktar minn taqsima-studju waħda jkunu qed jiġu trasferuti għall-Kors, is-seba' snin jibdew jgħoddu mid-data meta jingħata l-aħħar krettu."

Iż-Żieda tal-ordinament 11 mal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 11 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali:

"11. L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS għal taqsimiet-studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li ma jkomplux il-Kors ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 11 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinamenti 11 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 12 sa 14.

It-Tħassir tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinament 14 tal-ordinamenti principali għandu jiġi mħassar.